



21.10.2016

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar ir-rwol tal-informaturi fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE
(2016/2055(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Morten Messerschmidt

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Iqis li l-informaturi jiżvolġu rwol essenzjali biex jgħinu lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jevitaw u jindirizzaw każijiet ta' ksur tal-prinċipju ta' integrità u ta' abbuż ta' poter li jheddu jew jiksru s-saħħa pubblika u s-sikurezza, l-integrità finanzjarja, l-ekonomija, id-drittijiet tal-bniedem, l-ambjent jew l-istat tad-dritt fil-livell Ewropew u dak nazzjonali, jew li jżidu l-qgħad, jirrestrinġu jew ifixklu l-kompetizzjoni ġusta u jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi; jenfasizza li, f'dan ir-rigward, l-informaturi jikkontribwixxu ferm biex tiżdied il-kwalità demokratika tal-istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll il-fiduċja fihom għax b'hekk l-istituzzjonijiet iridu jagħtu rendikont direttament liċ-ċittadini u jkunu aktar trasparenti;
2. Jinnota li kemm l-informaturi kif ukoll l-entità jew l-istituzzjoni pubblika involuta għandhom ikunu żgurati mill-protezzjoni legali tad-drittijiet garantiti lilhom mill-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali u minn dispożizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali;
3. Ifakkar li l-Artikolu 22(c) tar-Regolamenti tal-Persunal jesiġi li l-istituzzjonijiet tal-UE jintroduċu regoli interni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni filwaqt li jipprovdu protezzjoni lill-informaturi li jirrappurtaw suspetti ta' abbuż, kif ukoll għad-drittijiet u l-interessi tagħhom, u biex jipprevedu politiki ta' protezzjoni u prevenzjoni, kif ukoll rimedji adegwati kontra l-possibbiltà ta' ritaljazzjoni mill-istituzzjoni fejn jaħdmu;
4. Jiddispijaċih li mhux l-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE adottaw dawn ir-regoli; jistedinhom, għalhekk, jadottaw u japplikaw tali regoli għall-protezzjoni tal-informaturi mingħajr dewmien;
5. Ifakkar li l-Istati Membri, bħala l-ewwel destinatari tal-fondi tal-UE, għandhom l-obbligu li jeżaminaw il-legalità ta' kif jintefqu;
6. Iqis li huwa meħtieġ li tiġi promossa kultura etika li tgħin biex tiżgura li l-informaturi ma jsofrux minn ritaljazzjoni jew jiffaċċjaw kunflitti interni;
7. Jinnota li l-Kummissjoni, fir-Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni, iddikjarat li, filwaqt li l-Istati Membri tal-UE għandhom fis-seħħ il-biċċa l-kbira tal-istrumenti u l-istituzzjonijiet legali meħtieġa kontra l-korruzzjoni, ir-riżultati li dawn jipprovdi fl-UE kollha mhumiex sodisfaċenti; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jagħmlu sforzi konkreti ħalli jiżguraw kapaċità adegwata għal dawn l-istrumenti u l-istituzzjonijiet u jtejbu l-effiċjenza tagħhom; jinnota bi tħassib li r-regoli kontra l-korruzzjoni mhux dejjem jiġu infurzati bis-saħħa, li l-problemi sistemiċi ma jiġux indirizzati b'mod effikaċi biżżejjed, li l-istituzzjonijiet rilevanti mhux dejjem ikollhom il-kapaċità suffiċjenti biex jinfurzaw dawn ir-regoli, li l-intenzjonijiet iddikjarati għandhom wisq 'il bogħod minn riżultati konkreti, u li r-rieda politika ġenwina biex tinqered il-korruzzjoni spiss tidher li hi nieqsa; jistieden, għalhekk, lill-Istati Membri jinfurzaw regoli effikaċi kontra l-korruzzjoni u, fl-istess ħin, jimplimentaw kif xieraq l-istandards u l-linji gwida Ewropej u internazzjonali dwar il-protezzjoni tal-informaturi fil-liġijiet nazzjonali tagħhom;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni leġiżlattiva bil-ħsieb li ttejjeb it-trasparenza, tipprovdi aċċess sħiħ għad-dokumenti u tiġġieled il-korruzzjoni, inkluż f'attivitajiet relatati mal-mafia; iqis bħala essenzjali li d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi mfassla biex jiggarrantixxu trasparenza u traċċar akbar tal-flussi tal-flus, b'mod partikolari fil-kuntest tal-fondi Ewropej, jeħtieġ li jissaħħu, inkluż b'verifika finali biex ikun ikkontrollat li l-fondi jkunu intużaw kif suppost;
9. Jiddispijaċih li ħafna Stati Membri għad iridu jqiegħdu fis-seħħ regoli ddedikati għall-protezzjoni tal-informaturi, minkejja l-ħtieġa essenzjali ta' protezzjoni tal-informatur fil-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontra, u minkejja l-fatt li l-protezzjoni tal-informaturi hi rakkomandata fl-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-korruzzjoni;
10. Ifakkar li d-Direttiva tal-Kummissjoni 2015/2392 tistipula l-proċeduri għar-rappurtar, iż-żamma ta' rekords u miżuri ta' protezzjoni għall-informaturi; jenfasizza l-importanza li jkun żgurat li l-informaturi jistgħu jirrapportaw ksur b'mod kunfidenzjali u li l-anonimità tagħhom tiġi mħarsa kif suppost u bis-sħiħ, anke fl-ambjent diġitali, imma jiddispijaċih li dan hu wieħed mill-ftit atti leġiżlattivi settorjali li jinkludi dispożizzjonijiet għall-informaturi;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi qafas ġuridiku tal-UE dwar il-protezzjoni tal-informaturi sabiex titjeb il-protezzjoni tagħhom fl-Istati Membri;
12. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tistudja l-aħjar Prattiki dwar l-informaturi minn programmi li diġà huma fis-seħħ f'pajjiżi oħra fid-dinja; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li xi skemi eżistenti jipprovdu benefiċċji finanzjarji għall-informaturi (bħal perċentwal tas-sanzjonijiet ordnati); iqis li għalkemm dan jeħtieġ li jiġi ġestit bir-reqqa biex jiġi evitat l-abbuż li jista' jkun hemm, tali benefiċċji jistgħu jipprovdu dħul importanti lil persuni li jkunu tilfu l-impjeg tagħhom minħabba żvelar ta' informazzjoni;
13. Jistieden lill-Istati Membri jieqfu milli jikkriminalizzaw l-azzjonijiet tal-informaturi meta jiżvelaw informazzjoni dwar attivitajiet illegali jew irregolaritajiet li jagħmlu ħsara lill-interessi finanzjarji tal-UE;
14. Jiddispijaċih mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira l-kapitolu dwar l-istituzzjonijiet tal-UE mir-rapport dwar il-korruzzjoni fl-Istati Membri, u jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni biex terġa' tintroduċi kapitolu dwar dan l-aspett importanti;
15. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE jindirizzaw l-inizjattiva proprja tal-Ombudsman tal-24 ta' Lulju 2014, f'konformità mal-Artikolu 22(c) tar-Regolament tal-Persunal il-ġdid, filwaqt li jistieden lill-korpi kollha tal-UE biex jadottaw mekkaniżmi ta' twissija etiċi u oqfsa legali dwar l-informaturi direttament ibbażati fuq ir-regoli interni tal-Uffiċċju tal-Ombudsman; itenni d-determinazzjoni tiegħu li dan iseħħ;
16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jdaħħlu fis-seħħ politiki u programmi speċifiċi bil-ħsieb li titqajjem kuxjenza dwar l-importanza soċjali tal-informaturi biex jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipju ta' integrità, jinkixef ksur tad-drittijiet fundamentali u tal-istat tad-dritt, u jkun evitat l-abbuż tal-poter fis-soċjetajiet tagħna;
17. Jitlob li jiġu stabbiliti mezzi aċċessibbli, sikuri u diretti li jippermettu li tkun kondiviża informazzjoni dwar il-possibilità ta' irregolaritajiet li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-

UE filwaqt li jiżguraw il-kunfidenzjalità fejn jikkonċerna informazzjoni u informaturi;

18. Jemmen li, sabiex jiġi evitat kull kunflitt ta' interessi li jista' jimmina l-perċezzjoni pubblika fir-rigward tal-integrità tal-istituzzjonijiet tal-UE, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tirrevedi l-Kodiċi ta' Kondotta tagħha għall-Kummissarji billi ssaħħa it-trasparenza u tallinjaha mar-regoli tat-Trattat.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	20.10.2016
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mercedes Bresso, Pascal Durand, Danuta Maria Hübner, Diane James, Ramón Jáuregui Atondo, Jo Leinen, György Schöpflin, Pedro Silva Pereira, Barbara Spinelli, Kazimierz Michał Ujazdowski
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Isabella Adinolfi, Max Andersson, Gerolf Annemans, Charles Goerens, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Jiří Pospíšil
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Csaba Sógor